MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2008

Numru. 122/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Helga Debono)**

**Vs**

**Ronald Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijet li permezz taghhom Ronald Mifsud ta’ 34 sena, iben Joseph u Mary Violet nee’ Cordina imwieled Hamrun fil-8 ta’ Ottubru 1966 u residenti Flat 3, Carmen Flats, Isouard Street, Marsa u detentur ta’ karta tal-identita bin-numru 435666M.

Billi huwa akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta' Ottubru 2001 u fix-xhur ta qabel b'diversi atti maghmula fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizjoni tal-ligi:

a. Ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku jew pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta bank privat, falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozzizjonijiet, obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, nkella illi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe' ghamel falsifikazzjoni tal-firma ta' A. Pisani, J. Borg, u ta' persuni ohra fuq cekk tal-Bank of Valletta fuq l-akkont ta MA Supermarkets Limited u aktar talli xjentement ghamel uzu mill-istess skritturi jew kitba falza u dan bi ksur tal-Artikoli 183 u 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

b. Iffalsikika cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra u cioe cekk tal-Bank of Valletta fuq l-akkont ta' MA Supermarkets Limited u persuni ohra, illi meta jigi ppresentat wiehed jista jircievi bih hlas jew jiehu kunsinja tal-oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn Banek jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-gvern u aktar talli ghamel uzu mill-istess karta msemmija u dan bi ksur tal-Artikoli 167 u 169 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

c. B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ngann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen esitenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' LM 4067, bi hsara ghal Bank of Valletta, MA Supermarkets, Keith Borg u persuni ohra u dan bi ksur ta'l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

d) Xjentament laqa' ghandu jew xtara affarijiet misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentament b'kull mod li jkun indahal biex imexxihom jew ibieghhom u dan bi ksur ta l-artikolu 334 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

e) Ukoll talli sar recidiv permess ta’ Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fl-14 ta’ Jannar 1993

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok A u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Fl-ewwel lok tirrileva li din il-kawza kienet precedentement qeghda tinstema’ mill-Magistrat illum Magistrat Irtirat Dr. Joseph Cassar LL.D. u li din il-kawza giet assenjata fis-sena 2007 quddiem din il-Qorti kif presjeduta.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Ian Joseph Abdilla iddikjara li nkwantu ghall-akkuza b. din l-akkuza nghatat bhala akkuza alternattiva ghall-akkuza a. u li l-akkuza d) nghatat bhala akkuza alternattiva ghall-akkuza c. u ghaldaqstant talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ l-imsemmija akkuzi b. u d) migjuba kontra l-imputat.

Inoltre fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Ian Joseph Abdilla ghall-Prosekuzzjoni iddikjara li l-akkuza f) migjuba fil-konfront ta’ l-imputat li tirrigwarda r-recidiva qeghda tigi irtirata mill-Prosekuzzjoni.

Innutat ukoll li fl-ezami tal-imputat li sar fis-seduta tallum l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati ta’ l-akkuzi a. u c. migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati ta’ l-akkuzi a. u c. migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 18, 183, 184, 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Ronald Mifsud, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi a. u c. migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Ronald Mifsud ghall-piena komplessiva ta' sena prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma' ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' sentejn (2) millum l-imputat Ronald Mifsud jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Rigward l-akkuzi b. u d) migjuba kontra l-imputat Ronald Mifsud, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Ian Joseph Abdillla fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward dawn iz-zewg akkuzi kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn l-imsemmija akkuzi b. u d) migjuba kontra l-imputat Ronald Mifsud.
Rigward l-akkuza f) migjuba kontra l-imputat Ronald Mifsud din l-akkuza giet irtirata mill-Prosekuzzjoni.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Ronald Mifsud l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------